MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 952/2006

**Talba Nru: 952/06PBC**

**George Cassar u Romina Cassar**
**(I.D. Nos 481974M u 409080M)**

**Vs**

**Paul Fleri Soler fil-kwalita` tieghu ta' rapprezentant legali tas-socjeta` estera Emirates (OC 148)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u dan rapprezentanti danni sofferti mill-atturi konsistenti in parte f'rifuzjoni tal-prezz tal-biljetti ta` l-ajru relattivi ghall-mawra li kellha ssir mill-atturi gewwa l-Awstralja bejn it-13 ta` Frar, 2006 sat-13 ta` Marzu, 2006 liema vjagg kellu jigi kkancellat minhabba ragunijiet li ser

jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u in parte, spejjez ancillari w accessorji ghall-kancellament tal-vjagg hawn imsemmi, li wkoll ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.  Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-manifatturi tal-*bassinet* juzaw li din tista` tintuza ghal tarbija (sa 23 xahar) li l-piz massimu sa 1/11 il-kilo.  Jekk wiehed japplika l-piz aktar minn dan jista` jigri li l-*bassinet* jitqaccat minn ma` l-istruttura li maghha tkun imwahhla. L-opinjoni tal-*cabin crew* dwar il-piz tat-tarbija tista` tvarja. Il-*cabin crew* ta` l-Emirates Airlines huma nfurmati li joffru l-*bassinets* biss ghal trabi li ma jkunux aktar minn 10/11 il-kilo.  Huma fl-obbligu li janalizzaw u jiddeciedu l-piz huma stess.  Meta wiehed jaghmel talba ghal *baby bassinet* mal-booking tieghu ma jigix mistoqsi kemm tizen it-tarbija ghaliex hafna drabi l-booking isir xhur qabel id-data tat-tluq u f'dan iz-zmien it-tarbija se tikber u l-piz ser ivarja. Normalment ir-ringiela tal-bulkhead tigi riservata ghall-ommijiet bit-trabi sabiex ikollhom aktar spazju, izda dan ma jistax jigi ggarantit.  Punt iehor huwa li meta jinxtara l-biljett dan ma jfissirx li hemm xi forma ta` kuntratt bejn l-airline u l-klijent u li l-airline ser jipprovdi l-*baby bassinet*. Il-klijenti ghamlu decizjoni li ma jkomplux sejrin Melbourne u li jmorru lura Malta meta l-airline meta setghetx tiggarantixxi *baby bassinet* fuq it-titjira taghhom ghal Melbourne.

Ra li l-kawza kienet differita ghas-seduta tat-12 ta` Jannar, 2007 ghall-provi tal-partijiet.

Sema` x-xhieda ta` l-attur.

Ra li l-konvenuti la dehru u lanqas ma ressqu provi u li ghalhekk din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum.

Ra li ma gie pprezentat l-ebda Rikors fejn intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fi Frar 2005 l-atturi marru ghand Sant Travel sabiex jaghmlu booking minn Malta ghall-Awstralja, liema booking attwalment sar mal-konvenut. Dakinhar stess il-booking gie kkonfermat u dan billi l-atturi kienu qeghdin jinsistu li jinghataw *cot* ossia *bassinet* ghat-tarbija taghhom waqt din it-titjira u ghalhekk riedu li jkollhom mohhom mistrieh li dan il-*bassinet* jigi pprovdut waqt il-vjagg kollu. Fil-fatt ghal dan is-servizz huma hallsu disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm90.20c) u cioe` ghoxrin fil-mija (20%) tal-prezz normali tat-titjira.

Gara illi t-titjira kellha ssir fi Frar 2006 u l-biljetti relattivi attwalment hargu xi xahar qabel u thallsu.

Meta l-atturi ghamlu *checking in* l-airport ma nqala xejn partikolari u nghataw is-seats li solitament jinghataw lill-ommijiet u cioe` l-ewwel ringiela ta` seats wara l-bulkheads, cioe` fejn jispicca l-*business class*. Meta l-atturi telghu abbord inghataw dawn is-seats, tkellmu ma` l-air hostess (li kienet Maltija) u l-air hostess qaltilhom li ser tipprovdi l-*bassinet* wara li tintefa` l-bozza tas-seatbelts. Attwalment meta l-ajruplan kien fl-ajru u ntefa` s-sinjal tas-seatbelts gie pprovdut *bassinet* izda minnufih is-senior air hostess ordnat li dan ma jigix ipprovdut ghaliex fl-opinjoni taghha dan il-*bassinet* ma kienx jiflah il-piz tat-tarbija. Qam kunflitt f'dan is-sens u fil-fatt il-*bassinet* ma giex ipprovdut. L-attrici ghalhekk zammet lit-tarbija fuq hogorha. It-tarbija bkiet tul il-flight kollu u l-attrici lanqas biss setghet tiekol.

L-ewwel parti tat-titjira kienet minn Malta ghal Dubai u kien hemm *stop over* ta` siegha ghar-*refuelling* f'Cipru. Meta l-ajruplan wasal Dubai kien hemm *stop over* ta` tlett sighat u dak il-hin l-atturi hadu l-okkazjoni biex imorru jkellmu l-ground staff f'Dubai izda l-ground staff ta` Dubai kulma offrew kien illi meta t-titjira titkompla lejn l-Awstralja ma jkunx hemm *stop over* f'Singapore izda din l-offerta ma gietx accettata billi l-atturi m'inghatawx garanzija li ser jigu pprovduti *bassinet*.

Ghalhekk iddecidew illi jirritornaw lura Malta billi fl-opinjoni taghhom il-konvenuti ma qdewx l-obbligi taghhom kuntrattwali.

Ghandu jinghad illi mill-provi prodotti jirrizulta illi meta sar il-booking u meta nxtraw il-biljetti l-konvenut m'ghamel l-ebda riserva dwar il-piz o meno tat-tarbija fil-konfront tal-*bassinet*. Jidher illi meta l-attrici kienet qeghda titkellem ma` l-istaff ta` l-Emirates f'Dubai, huma qalulha li l-*bassinet* kien jiflah tarbija ta` tlettax-il kilo u li l-air hostess fuq l-ajruplan minn Malta ghal Dubai kienet qaltilha li din kienet tiflah hdax-il kilo. It-tarbija attwalment kienet tizen 12.3 kilos izda fuq it-titjira hadd ma ndenja ruhu jipprova jara l-piz tat-tarbija jew almenu jipprova jekk il-*bassinet* attwalment kienx jiflah lit-tarbija.
Jidher li d-decizjoni mehuda mill-air hostess biex ma tigix ipprovduta l-*bassinet* kienet wahda daqsxejn mghaggla u li galadarba ttiehdet l-air hostess irrifjutat li tmur lura minn kliemha.

Il-fatt li meta gew lura Malta nghataw *bassinet* minghajr ma l-atturi biss staqsew ghalih huwa verament elokwenti.

Jidher ukoll illi fl-ebda hin ma nghatat l-opportunita` lill-atturi li jkollhom siggu iehor biex almenu, jekk it-tarbija ma tistax toqghod fuq il-*cot* li jiddendel fuq id-dar tas-seat ta` quddiem l-istess attrici, almenu dan il-*cot* ikun jista` jitqieghed magenbha fuq seat vojt.

L-atturi kellhom biljett fil-konfront tat-tarbija u dan kien biljett imhallas. Dan il-biljett jikkostwixxi kuntratt ta` trasport li permezz tieghu l-konvenut kien obbligat li jipprovdi t-trasport kuntrattat.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi f'dan ir-rigward il-konvenut kien inadempjenti u ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi. L-atturi kienu ferm gustifikati li ma jkomplux ghaddejjin bil-vjagg billi minn Dubai ghall-Awstralja l-vjagg huwa pjuttost twil u tedjanti u ghalhekk kienet decizjoni ghaqlija illi jirritornaw lura Malta galadarba m'inghatawx il-garanzija li t-tarbija ser tinghata l-kumdita` li l-atturi ppretendew li ghandha tinghata.

Galadarba qam l-ilment il-konvenut kien obbligat jindirizzah jew almenu joffri remedju xieraq. Dan ma sarx.

Illi l-istorja ma waqfitx hemm ghaliex meta kienu Dubai ma kienx hemm titjiriet gejjin lura mill-ewwel billi *the next available flight* kienet jumejn wara u ghalhekk kellhom iqattghu jumejn Dubai. Ma kellhomx visa biex jidhlu Dubai u ghalhekk kellhom jibqghu fl-ajruport jew *within the confines* ta` l-istess ajruport. Fl-ajruport ta` Dubai hemm lukanda izda ghall-ewwel lejl kienet *fully booked* u l-atturi ghalhekk kellhom joqghodu gewwa l-ajruport stess jaraw kif jistghu jiddubbaw u fil-fatt l-atturi nnifishom qghadu fuq seat mentri lit-tarbija qeghduha go trolley li l-ewwel qeghdu l-kowtijiet taghhom u mbaghad raqdu lit-tarbija fuq il-kowtijiet taghhom go dan it-trolley. Ghat-tieni lejl sabu akkomodazzjoni f’din il-lukanda.

B’kollox l-atturi nefqu ftit aktar minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u dan konsistenti fir-rifuzjoni tal-biljetti li kienu xtraw biex imorru lejn l-Awstralja, kif ukoll ghall-ispejjez ta` akkomodazzjoni f’Dubai u l-ispejjez ohra li ghamlu hemmhekk kompriz ukoll l-insurance li huma hadu biex ikoprihom ghall-vjagg. Dawn l-ispejjez kollha saru b’rizultat ta` l-inadempjenza tal-konvenut li ghalhekk ghandhom ibatu l-konsegwenzi relattivi.

Illi ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata. Id-danni sofferti huma ta` elf u hames mitt lira Maltin u erba’ centezmi (Lm1,500.04c) li huwa aktar minn dak li jista` jintalab quddiem dan it-Tribunal u dan billi fil-kawza odjerna l-atturi qeghdin jitolbu elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u ghalhekk it-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jasal ghad-decizjoni tieghu sal-limitu tal-gurisdizzjoni tieghu jigifieri sas-somma ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara li t-talba attrici hija pjenament u ampjament gustifikata u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` elf u hames mitt lira

Maltin (Lm1,500) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta` l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------